Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (EU Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Michael Mallia)

(Spettur Stephen J Gatt)

(Spettur Neville Xuereb)

vs

Safi Mouldi Ben Mustapha

Illum 29 ta' Mejju, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra 'l fuq imsemmi imputat li permezz taghhom huwa gie akkuzat :

Talli fl-20 ta' Mejju, 2002 u jiem qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer minghajr ma inghata permess ta' residenza, nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni;

Talli fl-20 ta' Mejju, 2002 gewwa l-Imsida ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Emmanuel Cuschieri hekk kif iccertifika Dr. S B Das M.D.;

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Emmanuel Cuschieri sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkokstanzi kiser il-paci u l-ordni pubbliku bl-ghajjat u glied;

Finalment il-Qorti giet mitluba li fil-kaz ta' htija, minbarra li taghti l-piena stabbilit mil-Ligi, tiddikjara lill-imsemmija persuna bhala immigrant ipprojbit u tohrog ordni ta' tnehhija kontra tieghu skond l-Artikolu 14 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet il-provi;

Peress illi l-ewwel akkuza giet ippruvata;

Issibu hati;

Rat l-Artikolu 9, 12, 14, 15, 19 u 20 tal-Kap. 217;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta u ikkopera mal-Pulizija, ghalhekk wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospiza ghal sena millum;

Il-Qorti tiddikjara lill-hati bhala immigrant ipprojbit u tordna t-tkeccija tieghu minn dawn il-gzejjer;

Il-Qorti tiddikjara illi spjegat lill-hati bir-responsabbilta tieghu skond il-ligi ghal din is-sentenza.

Il-Qorti tillibera lill-hati mit-tieni, it-tielet u r-raba akkuzi li ma gewx ippruvati.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur